# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum is-6 ta' Frar 2020**

Appell numru 237 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Massimo BONELLO**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-28 ta' April, 2017 fil-konfront ta' Massimo BONELLO, karta tal-identità bin-numru 522073 M li ġie mixli:

   > Talli f'dawn il-gżejjer, nhar il-11 ta' Jannar 2013 ġewwa dawn il-gżejjer:
   >
   > Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, tal-Kaputolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b' xi mod ieħor bil-

> Liċencja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għal użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li jur li ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

> Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;
>
> Rat illi fis-seduta tas-6 t' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw ill-Qorti kif preseduta milli terġa' tisma l-provi mismugħa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;
>
> Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.
>
> **Ikkunsidrat:**
>
> Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar l-1 ta' Jannar 2013, fis-sigħat bikrija ta' filgħodu, waqt li l-pulizija kienu qegħdin jagħmlu spezzjonijiet gewwa Paceville, huma daħlu ġewwa *Clique* u hekk kif avviċinaw it-*toilets* waqqfu lill-imputat odjern, li kien għadu kif ħareg mill-istess. Waqt tfittxija li saret fuq il-persuna tiegħu, instabu diversi pakketti b'sustanza bajda suspettata droga kokaina. L-imputat ġie arrestat u ttieħed ġewwa l-Kwartieri tal-Pulizija għal investigazzjoni ulterjuri.
>
> Fix-xhieda tiegħu, in kontro-ezami, PS 1174 Adrian Sciberras jgħid illi l-pakketti misjuba fil-pussess tal-imputat gew imqiegħda ġo borża u tteggjati u li dawn ingħataw *handover* lill-istess uffiċjal li wassal lill-imputat ġewwa l-Kwartieri ġenerali tal-Pulizija, liema uffiĊjal huwa ma setax jiftakar min kien. Madankollu, PS 1174 Adrian Sciberras jikkonferma illi t-*tag* li kienet tinsab annessa mal-esebit Dokument NS 3 ossia mall-pakketti in kwistjoni kien kitibha huwa stess u jgħid illi huwa għadda dawn il-pakketti kif kienu, inkluz bit-*tag* li Ġiet miktuba minnu.

PC 817 Garret D'Amato jikkonferma illi fl-1 ta' Jannar 2013, waqt li kien ma' PS 1174, huma daħlu ġewwa *Clique* u raw lill-imputat odjern ħiereġ mit-*toilets*. Jgħid illi fil-kartiera tiegħu, dan kellu żewġ pakketti kemm xejn kbar, li fihom kien hemm ammont ta' pakketti izgħar bit-trab abjad. Jgħid illi dawn gew issiġillati, li l-imputat ġie arrestat u ttieħed ġewwa l-Kwartieri tal-Pulizija. Jgħid ukoll illi dawn il-pakketti gew mgħoddija lil PS 1174 u li mbagħad huma komplew bix-xogħol tagħhom.

PS 1086 Johann Micallef xehed illi huwa ma kienx involut fl-arrest tal-imputat għaliex f'dak il-waqt huwa kien qiegħed jarresta lil ħaddiehor gewwa l-istess stabbiliment, iżda izjed tard għall-ħabta tas-6.00 a.m., huwa kien qiegħed fl-ufficju tal-Ufficjal Investigatur, meta ra lil dan tal-aħħar jiftaħ żewġ pakketti fil-presenza tal-imputat odjern, mil-liema pakketti hareg tmien pakketti bi trab abjad suspettat kokaina. Jgħid illi l-pakketti kienu ġewwa borza issigillata, li nfeħet mill-Ispettur Sant u li minnha nħargu żewġ boroż *sealabe* tal-plastik, li minnha mbagħad inħargu iżjed boroż żgħar *sealable*, li kienu mkebbin.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi d-dokument li gie mogħti lilu għall-analizi kien jikkonsisti f'envelope kannella mmarkat S/B/735/2013 li kien fih i) karta bil-kliem Data 01-01-2013 Hin 3.40 Elevat/i minn Massimo Bonello ID No 522073(M) fil-prezenza ta' ______ minn PS 1174 PC 817; ii) borża tal-plastik trasparenti li fiha 5 boroz tal-plastik trasparenti li fihom trab ta' lewn abjad u iii) borża tal-plastik trasparenti li fiha 3 boroż tal-plastik trasparenti li fihom trab ta' lewn abjad.

Skont l-istess relazzjoni, fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad fl-istess dokument, instabet is-sustanza <u>kokaina</u>. Il-piz totali tal-istess trab ta' lewn abjad kien ta' <u>3.78 grammi</u> u l-purita` kienet ta' cirka 21%. Jirriżulta wkoll illi l-piz rispettiv tat-trab f'kull borża kien is-segwenti: 0.47g, 0.44g, 0.39g, 0.48g, 0.43g, 0.54g, 0.51g u 0.52g.

L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar l-1 ta' Jannar 2013 fl-10.30 a.m. u dan wara li huwa ngħata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt madankollu huwa għazel li jirrifjutah. L-imputat għazel li jixhed ukoll f'dawn il-proceduri.

**<u>Ikkunsidrat ukoll</u>:**

F'dan il-kaz, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga kokaina u dan b'referenza għall-1 ta' Jannar 2013. Għalkemm fis-smiegħ tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, id-difiża ittentat toħloq dubju dwar il-kontinwita` tal-prova u cioe` jekk id-droga esebita f'dawn l-atti

kinitx effettivament id-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat fil-lejl in kwistjoni, il-Qorti tinnota illi apparti li t-tag annessa mal-esebit u miktuba minn PS 1174 li kien proprju l-Ufficjal tal-Pulizija li eleva din is-sustanza, tindika li din id-droga giet misjuba fil-pussess tal-imputat odjern fil-jum in kwistjoni minn PS 1174 u PC 817, jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat illi huwa jammetti illi fil-pussess tiegħu huwa kellu tmien boroż bil-kokaina – ossia proprju l-ammont ta' boroż li ġew esebiti f'dawn l-atti u li ġew sussegwentement analizzati mill-espert Sammut - u jgħid ukoll illi kien xtara nofsijiet ossia nofs gramma f'kull borża. Fil-fatt mill-piżijiet tat-trab f'kull borza, kif rizultanti mir-relazzjoni tal-istess espert, jirrizulta illi l-boroz kienu jikkontjenu medja ta' 0.47 grammi f'kull borża. Għalhekk fl-ewwel lok, fil-fehma tal-Qorti, m'hemmx dubju illi d-droga esebita fl-atti hija proprju d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat odjern fil-jum in kwistjoni.

F'dan il-każ, kif jirriżulta ampjament mill-istqarrija tal-imputat u anke mix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, dak li qed jigi kkontestat mid-difiża m'huwiex il-pussess tal-istess droga da parti tal-imputat, iżda l-pussess aggravat tal-istess ossia illi din id-droga ma kinitx intiza għall-uzu esklussiv tiegħu jew fi kliem iehor, illi din kienet intiza għall-ispacc lil terzi. Skont id-difiża, għalhekk, din id-droga kienet intiża biss għall-użu personali tal-imputat.

Kif gie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza għall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bażi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-uzu esklussiv (jigifieri għall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."* U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**, *"meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li waħedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati"*.

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, *"kull każ hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-gudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-aħħar mill-aħħar hija waħda li jrid jagħmilha l-ġudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-gudikant u jekk il-*

*konkluzjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi</u>**:

*" … l-ewwel nett wiehed għandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li <u>normalment</u> wieħed jassoċja ma' użu personali, u sa hawn il-piż tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qiegħed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wieħed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bażi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien għall-uzu esklussiv tiegħu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

F'dan il-każ, kif ingħad, il-Prosekuzzjoni ġabet il-prova fil-grad rikjest mil-ligi, kemm tal-ammont ta' droga misjuba, kif ukoll tal-pussess, liema pussess ġie ukoll ammess mill-imputat, kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll fix-xhieda tiegħu. Kif ingħad jirrizulta illi fil-pussess tiegħu, l-imputat kellu tmien boroz bid-droga kokaina gewwa *Clique* f'Paceville u l-piz tat-trab fl-istess boroz kien ta' kważi erba' grammi ossia 3.78 grammi – ammont dan li wieħed normalment ma jassoċjahx ma' użu personali. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jinnega li huwa kien qiegħed fl-istabbiliment in kwistjoni sabiex ibiegħ id-droga jew li d-droga misjuba fil-pussess tiegħu kienet intiza għall-ispacc, izda jgħid illi din kienet intiża għalih. Madankollu, meta mistoqsi kemm kien juża kokaina kuljum, huwa jwiegeb "*Naqra meta noħroġ*". Fix-xhieda tiegħu, f'dawn il-proċeduri, jgħid illi huwa kien juża d-droga biss meta joħroġ u in kontro-ezami jispjega li kien joħroġ darbtejn f'xahar u skont kemm kien ikollu flus. Jgħid illi kull meta kien joħroġ kien juża d-droga, izda ma kienx jieħu kwantita`. Mela allura huwa ċar illi l-imputat ma kienx juża d-droga ta' kuljum jew ta' spiss, lanqas ma kien għalhekk xi *heavy user* tad-droga, iżda kien dak li jissejjah *recreational user*. Jgħid ukoll illi ma kienx ilu jagħmel użu għal zmien twil mid-droga u fil-fatt jgħid illi kien ilu juża l-kokaina mis-sena 2012. Biss fl-istess waqt, fix-xhieda tiegħu, jgħid ukoll illi kull meta kien joħrog, għalkemm dan kien jiddependi wkoll minn kemm kien idum barra, "*dejjem tiehu 3 jew 4 boroz f'lejl*" u dan b'referenza għal boroż ta' nofs gramma. Dan ifisser għalhekk illi skont l-imputat, minkejja li huwa ma kienx jagħmel użu frekwenti u regolari mid-droga, huwa kien jieħu bejn gramma u nofs u żewġ grammi kokaina f'lejl wieħed, ammont dan li huwa pjuttost sostanzjali u li ma jregix tenut kont tal-fatt illi skont hu, ma kienx ilu jagħmel uzu mid-droga u kien jikkonsma d-droga biss meta joħroġ u cioe` xi darbtejn f'xahar. Effettivament, huwa ċar ukoll illi dak li jgħid l-imputat f'din il-parti tax-xhieda tiegħu jikkontrasta bil-qawwi ma' dak li jgħid fl-istqarrija tiegħu dwar l-ammont ta' kokaina li kien jużu ta'

kuljum, għaliex ċertament illi ammont ta' gramma u nofs jew żewġ grammi f'lejl wiehed m'huwiex 'naqra', kif jgħid fl-istqarrija tiegħu. Fix-xhieda tiegħu, imbagħad, jgħid illi dik id-droga kienet intiża għal dak il-lejl stess u għal jum ta' wara għaliex stante li kien l-ewwel tas-sena, kien bi ħsiebu johroġ ukoll. Jgħid illi huwa nstab fil-pussess tad-droga xi t-3.30 a.m. u li lanqas kien għadu għamel uzu minnha, għaliex kien għadu kif xtraha ftit tal-mumenti qabel minn Buġibba qabel niżel Paceville. Ikkunsidrata l-bqija tax-xhieda tal-imputat, kif ukoll dak li jgħid fl-istqarrija tiegħu dwar l-ammont ta' droga li kien jikkonsma meta johrog, il-Qorti tqis illi m'huwiex verosimili illi persuna li tohrog normalment darbtejn f'xahar u tikkonsma 'naqra' meta tohrog, tixtri kważi erba' grammi kokaina għall-konsum tagħha u sabiex tikkonsma l-istess f'żewġt iljieli fuq xulxin. Dan apparti illi fil-ħin tal-arrest tiegħu, skont hu, l-imputat kien għadu lanqas għamel uzu mill-kokaina li nstabet fil-pussess tiegħu u dan meta diga` kienu saru t-3.30 a.m. Fil-fehma tal-Qorti, l-ispjegazzjoni li jagħti l-imputat fix-xhieda tiegħu dwar l-ammont ta' droga li kellu fil-pussess tiegħu, b'mod partikolari meta jgħid illi kien jiehu tlieta jew erba' boroz f'kull lejl u li d-droga li kellu fuqu kienet intiza għal dak il-lejl u l-lejl ta' wara, ma treġix meta wieħed iqis illi l-imputat ma kienx jagħmel użu regolari mid-droga u fil-fatt il-Qorti tqis din l-ispjegazzjoni biss bħala tentattiv fjakk sabiex jiggustifika l-fatt illi fil-pussess tiegħu huwa kellu dak l-ammont, li fil-fatt kien jiskorri l-ammont li solitament kien jagħmel użu minnu - ammont dan illi fil-fehma tal-Qorti, ma kienx intiż għalih jew għall-użu esklussiv tiegħu, izda għall-ispacc lil terzi.

F'dan ir-rigward, apparti illi tqis l-inkonsistenzi fil-verzjonijiet mogħtija mill-imputat, kif indikati izjed 'il fuq, il-Qorti tqis ukoll il-komportament tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda u in oltre illi mill-istess xhieda tiegħu jidher illi huwa lanqas ma kien tant cert mill-ammont ta' droga li, skont hu, kien għadu kif akkwista ftit tal-mumenti qabel gie arrestat. Fil-bidu tax-xhieda tiegħu jgħid korrettement illi mingħalih illi kellu tmien pakketti, izda wara li l-avukat difensur erronjament għamillu referenza għall-fatt illi huwa nstab fil-pussess ta' ħames pakketti, in kontro-ezami huwa jirrepeti li kellu ħames pakketti u in oltre jgħid ukoll fix-xhieda tiegħu, illi kien talab tliet grammi u ngħata dan l-ammont f'nofsijiet ossia f'pakketti ta' nofs gramma kokaina. Li kieku l-imputat verament talab għal tliet grammi kif jgħid hu, f'dak il-kaz kien jingħata sitt pakketti u mhux tmienja jew hamsa, apparti li fil-fatt, l-imputat ma kellux tliet grammi, izda kwazi erba' grammi, maqsumin fi tmien pakketti. Il-Qorti tikkunsidra wkoll mhux biss l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-imputat, izda li din id-droga kienet maqsuma fi tmien pakketti f'pizijiet tassew simili u kif ingħad, illi l-imputat instab fil-pussess ta' dawn il-pakketti gewwa stabbiliment f'Paceville, fl-ewwel tas-sena. Meqjusa dawn il-fatturi kollha flimkien, il-Qorti tqis illi gie ppruvat lil hinn minn kull dubju

ragjonevoli illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiza għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni kif migjuba kontra l-imputat tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Kien għal dawn il-motivi li wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **sena priġunerija effettiva** u **multa ta' disa' mija u ħamsin Euro (€950)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50). L-ewwel pagament għandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħati jiskonta l-piena karċerarja li qed tiġi b'din is-sentenza erogata u għal dan il-għan ir-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero` jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jigi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Tordna lill-ħati iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mitejn, sitta u ħamsin Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€256.65), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita Dokument NS 3 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

3. Illi minn din is-sentenza Massimo BONELLO interpona appell permezz ta' rikors datat d-9 ta' Mejju 2017 li permezz tiegħu talab

lil din il-Qorti tbiddel u tvarja s-sentenza billi ma ssibux ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu minflok isibu ħati biss ta' pussess sempliċi ossia pussess tad-droga kokaina għall-użu personali tal-appellanti u konsegwentement tagħti piena xierqa. Fin-nuqqas dil-Qorti ġiet mitluba subordinament li tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi. Dan wara li saħaq is-segwenti:

> Għalhekk il-kwistjoni kollha tippernja fuq l-analiżi li għamlet l-Ewwel Onor. Qorti dwar l-ammont ta' droga li effettivament kien juża l-appellanti fil-mument tal-akkadut.
>
> Dwar dan fl-aħħar mill-aħħar huwa l-imputat li jaf x'kien jagħmel huwa minnu li l-Qorti triq tagħmel l-analiżi tal-fatti kollha tal-każ iżda Huwa improtanti li f'dan l-analiżi ma ssir ebda assunzjoni dwar it-top ta ' vizzju li kellu l-appellanti mingħajr ma ssir il-prova relattiva.
>
> Għalhekk l-Ewwel Onor. Qorti kellha kull raġun fl-analiżi tal-ġudikanti relattivi, l-istess Qorti żbaljat, fl-umli fehma tal-esponenti, f'dik li kienet l-analiżi finali tal-akkadut u dana tenut kont tas-segwenti fatturi:
>
> a. L-imputat waħdu fil-club in mertu. Jiġifieri ma nstabx f'sitwazzjoni fejn kien, per eżempju, qed ibiegħ id-droga iżda nstabet biss droga fuq il-pussess tiegħu.
> b. L-imputat għamel dikjarazzjonijiet konfliġġenti fil-konfront ta' dak li kellu fil-pussess tiegħu iżda din hija, sa ċertu punt, konferma ta' dak li kien qed jgħid ossia li l-kokajina kienet għall-pussess tiegħu. Dana qed jingħad għaliex ċertament hemm id-dubju dwar dak li kellu bżonn l-appellanti għar-rigward ta' neċċessitajiet rigward il-vizzju tiegħu.
> c. Mhux kull min juża d-droga abitwalment juza l-istess doża sabiex ikun, biex ngħidu hekk, kuntent. Fil-każ tal-appellanti d-doża għalkemm kienet li kienet ma kientex tifforma parti mill-użanza tiegħu regolari bħala ammonti. Dan joħroġ biċ-ċar mix-xhieda tiegħu.
> d. Kif ben qalet l-Ewwel Onor. Qorti, kollox jiddependi mill-fatti ta' kull każ. Fattur importanti f'din l-analiżi huwa l-enetita' tal-vizzju u dwar dan jista' jitkellem biss l-appellanti.
> e. Dak li għamlet l-Ewwel Onor. Qorti kienet assumiet li l-ammont ta'droga li kien hemm kienet tali li ma setgħetx kienet għall-użu personali tiegħu.

f. Din hija konklużżjoni perikoluża billi hija biss, wara kollox, konklużżjoni ibbażata fuq assunzjoni fuq mertu li huwa wara kollox *circumstantial evidence.* Kif jingħad soltu *circumstantial evidence cannot lie but it can deceive.*

g. Għaliex qed jingħad hekk: għaliex kollox jippernja fuq dakli skond il-qorti huwa neċessarju ai finijiet ta' użu personali. Dwar dan kull hemm huwa l-ammont ta' droga li din nstabet fuq il-persuna tal-appellanti.

h. Dak li allura għamlet l-Ewwel Onor. Qorti huwa li l-evidenza sempliċi ta' ammont ta' droga ġiet il-bażi tas-sejbien ta' ħtija.

i. Iżda d-dikjarazzjoni tal-appellanti (u anki l-inkonsistenza tagħha) ma tistax tkun tali li twassal għal dikjarazzjoni ta' ħtija u dana billi l-ammont ta' droga kienet tali li setgħet leġittimament tintuża għall-użu personali.

j. Dana kollu tenut kont tal-fatt illi, kif ġia ingħad, iċ-ċirkostanzi li fihom instab l-appellanti ma kienu ċirkostanzi ta' bejgħ ta' droga iżda twaqqaf meta kien waħdu u għalhekk dak li ddikjara hu setgħet tkun, raġjenevolment il-verita'.

k. Irid jingħad ukoll li mill-bidu nett l-appellanti stqarr li d-droga kienet għall-użu personali tiegħu.

***Ikkunsidrat: -***

4. Illi nhar lejliet l-ewwel ta' Jannar 2013 il-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga kienu qed jikkonduċu spezzjonijiet ġewwa l-istabilimenti f'Paceville. Daħlu fl-istabbiliment *Clique Bar* u hekk kif avviċinaw it-*toilets*, waqqfu lill-appellant li kien għadu kif ħareġ minnhom. Saritlu tiftxija u sabulu żewġ pakketti mdaqqsin li kien fihom aktar pakketti zgħar ġo fihom, fl-ammont globali ta' 8 pakketti trab suspettata kokaina. Dawn il-boroż kienu konsistenti f'ħames boroż tal-plastik trasparenti li kien fihom trab abjad u tlett boroż oħra trasparenti bi trab abjad ukoll. Ġie analizzat il-kontenut tagħhom u irriżulta illi dan it-trab kien kokaina bil-piż globali ta' 3.78g u bil-

purita' ta' ċirka 21%. F'kull borza kien hemm madwar 0.45 grammi.

5. Meta l-appellant xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati huwa saħaq illi kien xtara din is-sustanza minn wieħed mill-Bugibba fejn stqarr illi ħallas €25 għal kull nofs (gramma) li taħ. Jixhed li dawn kienu esklussivament għall-użu personali tiegħu. Qal li xtrahom mingħand persuna li raħ jinnegozja ma xi ħadd. Meta qabduh il-Pulizija huwa kien għadu kif wasal minn Buġibba u l-anqas kien ilu kwarta li wasal Paceville. Għalkemm jixhed li huwa ried jixtri tliet grammi kokajina sħaħ, il-bejjiegħ kellu biss nofsijiet u l-appellant wieġbu li għalih kien xorta u xtara n-nofsijiet. Għalkemm f'paġna 67 l-appellant jixhed li l-Pulizija kienu sabulu tminn boroż, wara li ġie konfrontat mill-avukat tiegħu li kien hemm miktub ħamsa, f'paġna 70 imbagħad jgħid li lilu dan ta' Buġibba kien taħ ħames pakketti tal-kokajina. Huwa jisħaq li dak iż-żmien kien jabbuża mid-droga meta kien joħroġ. F'paġna 72 jgħid li huwa ma kienx drug addict u ma kienx juża kuljum. Huwa kien joħroġ darbtejn f'xahar, skont kemm kien ikollu flus.

6. Meta ġie mistoqsi jekk kienx jabbuża mid-droga kull darba li kien kien joħroġ huwa jwieġeb : *Iva imma mhux kwantita, dakinhar kien lejlet l-ewwel tas-sena...Dakinhar xrtajt ghal dakinhar u ghall-ghada jien, ghall-ewwel tas-sena.* Biss meta kien joħroġ u jieħu droga huwa jgħid li *dejjem tieħu 3 jew 4 boroż f'lejl*. Huwa jgħid li kien ilu jieħu droga minn xi l-2012.

*Ikkunsidrat :-*

7. Illi għalhekk qabel xejn din il-Qorti tqis li għandha tissofferma ruħha fuq il-prinċipji regolaturi rigward din il-proċedura ta' appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, kif ukoll dwar dawk li huma r-regoli kardinali dwar kif l-evidenza mogħtija minn dawn ix-xiehda aktar il-fuq imsemmija għandha tiġi analizzata minn Qrati ta' Ġustizzja Kriminali f'dan il-pajjiż. In fine, din il-Qorti tesplora l-mod kif dawn il-prinċipji jsibu l-applikazzjoni tagħhom, *in concreto*, f'dan il-każ.

8. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, li jistrieħu prinċipalment fuq apprezzament tal-provi prodotti huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Diċembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

9. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

---

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

10. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

11. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

12. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-

dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

13. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

14. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

15.Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[5]

16.In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.
[6] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

17. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika.  Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid.  U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

18. Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka.  Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

19. Il-Liġi penali **<u>ma teħtieġx</u>** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova.  Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta'

Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

20. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

21. Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xiehda esperta *ex parte*. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni,

dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

22. Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

23. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

24. Il-grad ta' sufficjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-

[7] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[8] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

25.Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

26.Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

[8] ibid.

[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

27. Huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

28. Biss, kif intqal aktar il-fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha, inkluż setgħet tara u tisma' lill-appellant jixhed – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xiehda tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xiehda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu.

29. Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza

stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni;

***Ikkunsidrat :-***

30.Illi f'dan il-każ l-appellant mhux jikkontesta li hu nstab fil-pussess tad-droga kokajina fl-ammont, piż u perċentwali ta' purita pruvati f'dan il-każ. L-appellant pero jikkontendi li dan il-pussess kien għall-użu personali tiegħu, għaliex hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jittraffika jew imexxi s-sustanza in kwistjoni, u l-anqas traffika jew mexxa l-kokajina f'dan il-każ.

31.Ir-reat ta' pussess aggravat tal-kokajina huwa regolat kemm bl-artikolu 9 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta[10] u kif ukoll taħt ir-

---

[10] 9.(1) Sabiex ma jsirx użu ħażin mill-mediċini li għalihom tgħodd din it-Taqsima ta' din l-Ordinanza, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika jista' jagħmel regolamenti biex jikkontrolla l-manifattura, bejgħ, pussess u distribuzzjoni ta' dawk il-mediċini, upartikolarment, iżda mingħajr ħsara tas-setgħa ġenerali hawn fuqimsemmija –

(a) biex jipprojbixxi l-manifattura ta' mediċini ligħalihom tgħodd din it-Taqsima ta' din l-Ordinanzaħlief f'lokal bil-liċenza għaldaqshekk u taħt il-kondizzjonijiet imniżżlin fil-liċenza; u

(b) biex jipprojbixxi l-manifattura, bejgħ jewdistribuzzjoni ta' dawn il-mediċini ħlief minn persunibil-liċenza jew xort'oħra awtorizzati skont ir-regolamenti u taħt il-kondizzjonijiet imniżżlin fil-liċenza jew fl-awtorizzazzjoni; u

(ċ) biex jirregola l-għoti minn tobba eżerċenti ta' riċetti lijkun fihom dawn il-mediċini u l-mod li bih għandhomjiġu servuti dawn ir-riċetti; u

(d) biex jobbliga l-persuni illi jimmanifatturaw, ibigħujew jiddistribwixxu dawn il-mediċini li jżommu l-kotba u jagħtu l-informazzjonijiet bil-miktub jewxort'oħra kif jiġi ordnat; u

(e) biex jikkontrolla u jillimita l-pussess ta' dawn il-mediċini, jew it-traffiku fihom, fit-transitu tagħhomminn Malta.

(2) Ir-regolamenti taħt dan l-artikolu għandu jkun fihom dispożizzjonijiet sabiex persuna li jkollha skont il-liġi ħanut miftuħgħall-bejgħ bl-imnut ta' veleni taħt l-Ordinanza dwar il-ProfessjoniMedika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha tkuntista' tiġi awtorizzata biex –

regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02.[11] Dawn id-disposizzjonijiet iridu jinqraw flimkien. Inoltre d-diċitura ta' din il-liġi tinkorpora l-elementi kemm tal-pussess aggravat kif ukoll tal-pussess sempliċi.

32. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li din ħadet kont kemm ta' dawn il-liġijiet kif ukoll ta' diversi każijiet li jittrattaw is-suġġett, bosta drabi kumplikat, tad-differenza bejn il-pussess

---

(a) timmanifattura fil-ħanut fil-kors ordinarju tan-negozju tagħha bl-imnut preparazzjoni, taħlita jew estratt tal-mediċini li għalihom tgħodd din it-Taqsima ta' din l-Ordinanza; jew
(b) teżerċita fil-ħanut in-negozju ta' bejgħ bl-imnut ta'dawn il-mediċini, jew isservi dawn il-mediċini jewtagħmel misturi minnhom, bla ħsara tas-setgħa tal-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblikali jirtira l-awtorizzazzjoni fil-każ ta' persuna li tkun ġiet misjubaħatja ta' reat kontra din l-Ordinanza jew ta' reat kontra l-Ordinanzatad-Dwana, kif magħmula applikabbli b'din l-Ordinanza, u li, fil-fehma tal-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, ma jkunxsewwa li tibqa' tagħmel in-negozju tal-manifattura jew bejgħ jewdistribuzzjoni, skont il-każ, ta' dawn il-mediċini.

(3) Xejn fir-regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolum'għandu jittieħed bħala li –
(a) jawtorizza l-bejgħ jew li jinżamm ħanut miftuħ għall-bejgħ bl-imnut jew biex jiġu servuti jew magħmulinmisturi ta' veleni minn persuna mhix kwalifikata għaldaqshekk taħt id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew xort'oħra minn dawk id-dispożizzjonijiet;
(b) jidderoga għad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwaril-Professjoni Medika u Professjonijiet li għandhomx'jaqsmu magħha li jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jirregolaw il-bejgħ ta' veleni.

[11] Hadd ma għandu jkun fil-pussess jew jittanta li jippossjedi xi droga kemm il-darba –
(a) Huwa ma jkunx awtorizzat għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza; jew
(b) Huwa ma jkunx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga; jew
(c) Huwa ma jkunx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa jew mhux awtorizzat b'dawn ir-Regoli jew b'awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu d-droga fil-pusses tiegħu; jew
(d) Huwa ma jippruvax illi d-droga kienet fornuta għall-użu tiegħu skond dik ir-riċetta kif imsemmi qabel;
Iżda, l-kwalifika li tinsab fil-paragrafu (d) ma tkunx tgħodd fil-każ ta' xi droga, fornuta lill-persuna għall-użu tagħha skond riċetta jekk dik il-persuna f'dak iż-żmien li liha ngħatat id-droga kienet qedgħa taħt kura ta' tabib ieħor dwar li kienet tieħu bi drawwa xi drogi jew xort'oħra, u li kienet fornuta b'xi droga fuq riċetta maħruġa minn dak it-tabib u ma semmietx dik il-ħaġa lit-tabib imsemmi l-ewwel qabel ma d-droga kienet fornuta lilha.

Ara wkoll regolamenti 15 u 16 tal-LS 101.02.

sempliċi għal dak kwalifikat. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio*** ġie ritenut illi:

> F'kaz ta' pussess ta' droga f'cirkostanzi tali li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv ta' persuna, il-posizzjoni legali hija cara: il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju ddettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed.[12]

33. L-istess ġie ritenut fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Marius Magri,*** li saret referenza għaliha mill-Qorti tal-Maġistrati fejn intqal ukoll is-segwenti:

> Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs.Carmel Spiteri" [2.9.1999].)
>
> Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002] )[13]

34. Minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta ċar li hija għamlet dan l-apprezzament u kienet tal-fehma illi f'dan il-każ l-appellant kellu jinstab ħati ta' pussess aggravat u mhux ta' pussess sempliċi. Din il-Qorti taqbel mal-appellant illi l-ammont totali tad-

[12] Deċiża nhar is-26 t'Awissu 1998.
[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar it-12 ta' Mejju 2005.

droga misjuba ma kienx kbir ħafna. Taqbel ukoll li mill-provi ma jirriżultax li meta l-appellant ġie arrestat hu kien fil-kumpanija ta' terżi jew li kien qed jaġixxi b'mod suspettuż li seta' jindika li kien qed jittenta li jbiegħ jew jispaċċa s-sustanza li nstabet fil-pussess tiegħu meta ġie mfittex u arrestat.

35. Madankollu l-appellant **ma ġiex** akkużat speċifikament bi **traffikar tad-droga** kokajina iżda bil-pussess tad-droga kokajina li nstabet f'ċirkostanzi li kienu jindikaw li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu. Il-Qorti tal-Maġistrati fliet iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ippruvati mill-provi miġjuba quddiemha. Hija ħadet qies ukoll tal-verżjoni tal-appellant meta xehed quddiemha u rat jekk u safejn l-appellant setgħax jiġġustifika dak il-pussess bħala wieħed sempliċi. Dik il-Qorti stqarret ukoll li kienet analizzat il-komportament tal-appellant fuq il-pedana tax-xiehda, inkluż bil-mezzi msemmija fl-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali. Dik il-Qorti setgħet tosserva li l-appellant ma kienx konsistenti fi kliemu u ħawwad fid-diskors.

36. Issa din il-Qorti, anke jekk tiskarta kompletament l-istqarrija li l-appellant kien ta lill-Pulizija, mill-kumplament tal-provi prodotti jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Kif intqal qabel, anke ċirkostanza waħda tista' tkun biżżejjed biex tikkonvinċi Qorti ta' Ġustizzja Kriminali li l-pussess kien aggravat aktar milli sempliċi. F'dan il-każ kien hemm aktar minn ċirkostanza ta' fatt waħda li bihom jinħolqu preżunzjonijiet ta' fatti li fuqhom tali Qorti tista' tistrieħ. L-ammont ta' droga kokajina misjuba, għalkemm mhux

kbira ħafna, kienet maqsuma f'ammonti żgħar, lesti biex ikunu jistgħu jiġu kkunsmati. L-appellant instab bihom f'post tad-divertiment. Huma kienu maħżuna kollha fuq il-persuna tiegħu. Jekk verament huwa kien jieħu tlieta jew erba' nofsijiet meta joħroġ, hu ma kellux għalfejn ikollu tminn boroż fuqu – u setgħa ħalla l-kumplament tal-boroż band'oħra u mhux iġorrhom fuqu – aktar u aktar jekk huwa riedhom ukoll għall-lejla ta' wara! Huwa nstab ħiereġ mit-*toilet* tal-istabbiliment – post magħruf minn kulħadd li huwa favorit għal dawk li jabbużaw mid-droga kokajina. Meta nstab fil-pussess tat-tminn boroż, kienu diġa saru t-tlieta u nofs ta' filgħodu – u ċjoe l-ħin kien diġa beda jsir – anke jekk kien sbieħ l-ewwel tas-sena. Meta xehed huwa qal li ried jixtri tliet grammi. Iżda fuqu nstabu total ta' 3.78 grammi. L-ammonti li qal l-appellant li kien xtara ma kienux jaqblu. Anke l-ammont ta' boroż ma kienx ċert dwarhom l-appellant – l-ewwel jgħid li kienu tmienja, imbagħad jgħid li kienu ħamsa. Anke l-ammont ta' nofsijiet li jgħid li kien mogħti ma kienx jaqbel mal-ammont effettivament misjub fuqu.

37. Il-Qorti tal-Maġistrati qieset ukoll li skond dak li xehed l-appellant hu jgħid li ma kienx jikkonsma ħafna droga u li kien jagħmel użu mis-sustanza madwar darbtejn f'xahar meta joħroġ. Ġeneralment hu kien filfatt jikkonsma dak l-ammont f'salt. Dik il-Qorti rriteniet li dan ma kienx mis-sewwa peress li jekk huwa minnu li l-appellant ma kienx *habitual user* kif saħaq, dan l-ammont ta' tliet jew erba' nofsijiet jekk ikkunsmati f'salt wara perijodu ta' nuqqas t'użu, jsiru huma ammont notevoli u potenzjalment perikolanti għal min ikun

qed jikkonsma s-sustanza illeċita. Apparti minn hekk, il-mod kif din id-droga kienet ippakkettata hija wkoll indikattiva tal-ħsieb ta' tqassim u mhux ta' użu personali.

38. Magħdud dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Qorti tal-Maġistrati m'għamlitx assunzjonijiet infondati iżda minflok għamlet kunsiderazzjonijiet u konklużjonijiet bażati fuq l-użu tal-loġika u l-buon sens, bażati fuq il-fatti. In kwantu tali ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwihom b'konklużjonijiet oħra, anke jekk ma jkunux l-uniċi konklużjonijiet possibbli.[14] Din l-analiżi tal-provi u ċirkostanzi waslet lil dik il-Qorti tikkonkludi li f'dan il-każ il-pussess kien wieħed aggravat. Din il-Qorti ma tqisx li fiċ-ċirkostanzi tal-każ tista' tgħid li dik il-Qorti kienet żbaljata fil-konklużjonijiet tagħha.

***Ikkunsidrat :-***

39. Illi kwantu għall-aggravju dwar il-piena jirriżulta li l-piena imposta, jiġifieri dik ta' sena priġunerija u multa ta' disa mija u ħamsin euro (€950) pagabbli mensilment, din il-Qorti tqis li din kienet piena li taqa' fil-parametri tal-piena kemm jekk din il-Qorti tikkonsidra li dan kien pussess kwalifikat, kif ukoll jekk ma kienx. Jingħad ukoll illi skond id-dettami tal-artikolu 22(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet

[14] Ara wkoll l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Brian Caruana***, deċiż 23 ta' Mejju 2002.

ta' Malta, il-piena imponibbli f'dan il-każ hija ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87). Kjarament il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati mhux biss kienet fil-parametri tal-liġi iżda kienet ukoll tqarreb lejn il-*minimum* tagħha. Ma jistax għalhekk jingħad li dik il-piena kienet *wrong in principle* jew *excessive*.

40. Biex waslet għal dik il-piena, il-Qorti tal-Maġistrati qieset il-fedina penali tal-appellant, fejn fost ir-reati li tagħhom instab ħati qabel dan il-każ, jirriżulta li hu kien diġa nstab ħati taħt din l-Ordinanza u taħt il-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn kien ingħata piena karċerarja.[15] Il-Qorti tal-Maġistrati stqarret li qieset dak li xehdet il-*Parole Officer* fis-sens li l-appellant kien qed jimxi fi triq it-tajba u jistabilizza ħajtu waqt li kien inkarċerat preċedentement.

41. Di piu' l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jeskludi l-possibilita li tingħata piena taħt il-minimum bl-applikazzjoni tal-artikoli 21 tal-Kodiċi Kriminali jew tas-sentenza ta' priġunerija sospiża taħt l-28A tal-Kodiċi Kriminali. Apparti minn hekk l-istess artikolu jeskludi l-possibilita li tingħata miżura taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation.* L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola tapplika fil-każ meta wara li l-Qorti li tkun ser

[15] Is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013 f'dan is-sens ġiet ikkonfermata fis-26 ta' Ġunju 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

tiġġudika l-każ tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn. F'dan il-każ ma hemmx provi li kien hekk u allura din l-eċċezzjoni mhix applikabbli.

## *Deċide*

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, dil-Qorti qegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***